Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2298

Kaz Numru 3139/MF

Fit-Tilwima tax-xoghol

Bejn

General Workers Union

U

Bank of Valetta plc

Dwar allegazzjoni ta' promozzjonijiet bi ksur tal-proceduri stabbiliti

Illum 14 ta' Lulju 2014

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)
Membri tal-Bord David Magro u Joseph Farrugia

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra mibghuta lill-Ministru datata 2 ta' Mejju 2013 mill-Avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali minhabba li l-bank kiser il-proceduri stabbiliti u b'hekk pregudika kollettivament u individwalment lill-imsiehba tal-Union u li jaghti dak ir-rimedju li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

Il-Bank of Valletta rrisponda billi ddikjara li l-Bank ma kienx fi ksur ta' l-ebda provvediment tal-Fteheim Kollettiv

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Dr. Gory Greenland li huwa s-segretarju taqsima professjonali finanzi u servizzi fejn qal li zewg persuni bl-isem Frank Zammit u Ray Bezzina hadu zewg promozzjonijiet minghajr ma saret ebda sejha ghal applikazzjonijiet meta fil-ftehiem kollettiv hemm indikat x'inhi l-procedura.

Xehed James Grech li huwa rapprezentant tal-GWU mal-Bank. Spjega li Ray Bezzina telaq mill-Bank bhala signatory u dahal fil-bank fil-grad ta' Manager. Frank Zammit telaq mill-bank fil-grad ta' Manager u gie lura fil-grad ta' H 1 billi qabez il-grad ta' Senior Manager.

Xehed Joseph Camilleri li huwa c-Chief Officer Strategy and Process Management fejn spjega li ghal promozzjonijiet kien ikun hemm qbil mal-Union. Spjega ukoll illi ghar-rigward Ray Bezzina u Frank Zammit dawn gew lura fil-grad li kienu qabel ma gew sekonded. Spjega li fir-rigward ta' Ray Bezzina ittiehdet id-decizjoni li jitpogga fid-dipartiment gdid ta' Business Generation u inghata promotion fid-diskrezzjoni tac-CEO u dan minghajr sejha ta' promozzjonijiet. Anzi ha zewg promozzjonijiet. Ghar-rigward ta' Frank Zammit dahal fil-grad ta' Head u ha zewg promozzjonijiet

Xehed Charles Borg li huwa c-CEO tal-Bank of Valletta fejn qal li ried persuna li tissorvelja l-ufficiji internazzjonali u ra internament u kien propju Frank Zammit li kien il-persuna idoneja li jaghmel dan ir-rwol. Fil-kaz ta' Ray Bezzina  kellu bzonn persuna fuq business generation u ra li Frank Bezzina akkwista dik l-esperjenza.

Xehed Anthony Scicluna li huwa chief officer Head Human Resources mal-bank of Valletta fejn spjega il-procdura tal-promotion billi ssir call for application. Spjega li Frank Zammit telaq bhala Manager u meta gie lura sar Head u ma kienx hemm call for applications u bhala fatt ha zewg promotions. Fir-rigward ta' Ray Bezzina meta telaq telaq fil-grad ta' signatory u gie lura fil-grad ta' Manager 1 u x-xhud ikkonferma li ma kienx hemm call for applications. Spjega li Ray Bezzina illum huwa Manager tal-e cards section

Xehed Mario Pavia li huwa Manager HR u giet diskussa l-paga ta' dawn iz-zewg persuni fejn eventwalment gew ezebiti l-pagi pero go envelop sigillat.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li din il-kawza tistrieh fuq l-interpretazzjoni tal-ftehiem kollettiv u jekk gew osservati l-procedur tal-promozzjonijiet.

It-Tribunal qieghed jinterpreta il-ftehiem kollettiv fis-sens li huwa kuntratt maqbul bejn zewg partijiet u sabiex jigi ekwilibrat ir-rwol bejn il-haddiema u l-unions jigi miftiehem dan il-ftehiem kollettiv sabiex jirregola diversi aspetti tal-hajja ta' kuljum. Fost dawn l-aspetti hemm ftehiem specifiku kif il-haddiema ghandhom jiehdu l-promotions. Dan jaghti spunt importanti sabiex haddiem ma jhossux diskriminat jew minsi u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat illi ghalhekk jezistu dawn it-tip ta' klawsoli sabiex kullhadd jaf fejn qieghed.

F'dan il-kaz jirrizulta ampjament illi zewg haddiema inghataw zewg promotions u qabzu haddiema ohra u dan sar minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet. Minkejja li wiehed jista' jkun tajjeb ghax-xoghol it-Tribunal xorta jkoss li ghandha ssir sejha ghall-applikazzjonijiet. Dan iservi sabiex il-process ikun trasparenti u gust. Jidher illi f'dan il-kas ma kienx hemm sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-postijiet li dawn iz-zewg haddiema inghataw il-rwol taghhom mal-Bank of Valletta. It-Tribunal ihoss illi dan huwa ksur tal-ftehiem kollettiv u jservi sabiex imajna l-fiducja fil-management u jikser ir-relazzjonijiet tajbin li l-bank jista' jkollu mal-management.

It-Tribunal ihoss illi l-Bank ofValletta mexa hazin fil-konfront tal-haddiema kollha meta ta promozzjonijiet mhux gustifikati u bi ksur tal-Ftehiem Kollettiv. Jirrizulta anzi li dawn iz-zewg haddiema inghataw zewg promozzjonijiet.

## Decizjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti

ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-Bank of Valletta kkometta ksur tal-Ftehiem Kollettiv meta ta' promozzjonijiet li Ray Bezzina u Frank Zammit.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jilqa' dan ir-rikors bl-ispejjes kontra l-Bank of Valletta. It-Tribunal jiddeciedi illi ghar-rigward rimedju qieghed ihalli f'idejn il-partijiet sabiex isibu soluzzjoni u ghandhom tlett xhur mill-lum sabiex jesploraw soluzzjoni. Fin-nuqqas li jaghmlu hekk din il-kawza ghandha terga' tigi kjamant fiz-zmien tlett (3) xhur mill-lum.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Dr. Martin Fenech

Iffirmat : Is-sur David Magro

Iffirmat : Is-sur Joseph Farrugia

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja